Nru. 18,352
Prezz/Price
€2.61

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 9 ta' Diċembru, 2008
Tuesday, 9th December, 2008

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 1088

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 18,347, 18,348 u 18,351 tat-28 ta' Novembru 2008, it-2 u l-5 ta' Diċembru, 2008 rispettivament.

A.L. Nru. 312 tal-2008: Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452); Ordni ta' Standard Nazzjonali tal-2008 dwar it-*Telework*.

A.L. Nru. 313 tal-2008: Att dwar il-Konservazzjoni u l-Amministrazzjoni tas-Sajd (Kap. 425); Regolamenti tal-2008 li jemenda r-regolament dwar il-Bastimenti tas-Sajd.

A.L. Nru. 314 tal-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' *Master of Science in Health Services Management* taħt il-patroċinju tal-*Institute of Health Care*.

A.L. Nru. 315 tal-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-*Postgraduate Diploma in Nutrition and Dietetics* taħt il-patroċinju tal-*Institute of Health Care*.

A.L. Nru. 316 tal-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' *Master of Science in Nursing or Midwifery* taħt il-patroċinju tal-*Institute of Health Care*.

A.L. Nru. 317 tal-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' *Master in Contemporary Diplomacy* taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti.

GOVERNMENT NOTICES

No. 1088

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 18,347, 18,348 and 18,351 of the 28th November 2008, 2nd and 5th December, 2008 respectively.

L.N. No. 312 of 2008: Employment and Industrial Relations Act (Cap. 452); Telework National Standard Order, 2008.

L.N. No. 313 of 2008: Fisheries Conservation and Management Act (Cap. 425); Fishing Vessels (Amendment) Regulations, 2008.

L.N. No. 314 of 2008: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Science in Health Services Management under the auspices of the Institute of Health Care.

L.N. No. 315 of 2008: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Postgraduate Diploma in Nutrition and Dietetics under the auspices of the Institute of Health Care.

L.N. No. 316 of 2008: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Science in Nursing or Midwifery under the auspices of the Institute of Health Care.

L.N. No. 317 of 2008: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master in Contemporary Diplomacy under the auspices of the Faculty of Arts.

A.L. Nru. 318 tal-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' *Master of Arts in Economics of Competition Law* taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-*Management* u l-*Accountancy.*

L.N. No. 318 of 2008: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Arts in Economics of Competition Law under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

A.L. Nru. 319 tal-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' *Master of Arts in Public Policy* taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Ekonomija, il-*Management* u l-*Accountancy.*

L.N. No. 319 of 2008: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Arts in Public Policy under the auspices of the Faculty of Economics, Management and Accountancy.

A.L. Nru. 320 tal-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' *Master of Arts in Financial Services* taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi.

L.N. No. 320 of 2008: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Arts in Financial Services under the auspices of the Faculty of Laws.

A.L. Nru. 321 tal-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' *Master of Arts in Human Rights and Democratization* taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Liġi.

L.N. No. 321 of 2008: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Arts in Human Rights and Democratization under the auspices of the Faculty of Laws.

A.L. Nru. 322 tal-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' *Master of Science in Pharmacology or Clinical Pharmacology* taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Mediċina u l-Kirurġija.

L.N. No. 322 of 2008: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Science in Pharmacology or Clinical Pharmacology under the auspices of the Faculty of Medicine and Surgery.

A.L. Nru. 323 tal-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' *Master of Diplomacy* taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-*Mediterranean Academy of Diplomatic Studies*.

L.N. No. 323 of 2008: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master of Diplomacy under the auspices of the Mediterranean Academy of Diplomatic Studies.

A.L. Nru. 324 tal-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2008 skond ir-Regolamenti Ġenerali tal-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-*Postgraduate Diploma in Probation Services* taħt il-patroċinju tal-*Institute of Forensic Studies*.

L.N. No. 324 of 2008: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2008 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Postgraduate Diploma in Probation Services under the auspices of the Institute of Forensic Studies.

A.L. Nru. 325 tal-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2008 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' *Bachelor of Science (Honours)* taħt il-patroċinju tal-*Institute of Health Care*.

L.N. No. 325 of 2008: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2008 to amend the Bye-Laws of 2005 for the Selection of Applicants for Admission to the Bachelor of Science (Honours) Degree Course under the auspices of the Institute of Health Care.

A.L. Nru. 326 tal-2008: Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327); L-Ordinamenti tal-2008 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2007 għall-Għażla tal-Applikanti għad-Dħul fil-Kors għall-Grad ta' *Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons)* taħt il-patroċinju tal-*Institute of Health Care*.

L.N. No. 326 of 2008: Education Act (Cap. 327); Bye-Laws of 2008 to amend the Bye-Laws of 2007 for the Selection of Applicants for Admission to the Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons) - Degree Course under the auspices of the Institute of Health Care.

A.L. Nru. 327 tal-2008: Att dwar il-Ħarsien tal-Ambjent

L.N. No. 327 of 2008: Environment Protection Act (Cap.

(Kap. 435); Regolamenti tal-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Stima Ambjentali Strateġika.

A.L. Nru. 328 tal-2008: Att tal-2007 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Att VII tal-2007); Avviż ta' bidu fis-seħħ.

A.L. Nru. 329 tal-2008: Att dwar is-Saħħa Pubblika (Kap. 465); Regolamenti tal-2008 dwar is-Saħħa Pubblika fuq il-Bastimenti.

A.L. Nru. 330 tal-2008: Att dwar l-Enemalta (Kap. 272); Regolamenti tal-2008 li jemendaw ir-Regolamenti fuq il-Provvista tal-Elettriku (Emenda Nru. 2).

A.L. Nru. 331 tal-2008: Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Kap. 423); Regolamenti tal-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Fornitura tal-Ilma.

Id-9 ta' Diċembru, 2008

435); Strategic Environmental Assessment (Amendment) Regulations, 2008.

L.N. No. 328 of 2008: Code of Organization and Civil Procedure (Amendment) Act, 2007 (Act VII of 2007); Commencement Notice.

L.N. No. 329 of 2008: Public Health Act (Cap. 465); Public Health (Ships) Regulations, 2008.

L.N. No. 330 of 2008: Enemalta Act (Cap. 272); Electricity Supply (Amendment) (No. 2) Regulations, 2008.

L.N. No. 331 of 2008: Malta Resources Authority Act (Cap. 423); Water Supply (Amendment) Regulations, 2008.

9th December, 2008

Nru. 1089

AĠENT PRIM MINISTRU

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi, fuq il-parir tal-Prim Ministru, il-President ta' Malta ordna illi l-Onor. Giovanna Debono, B.A.(Educ), M.P., Ministru għal Għawdex, tassumi d-dmirijiet addizzjonali ta' Prim Ministru b'seħħ minn nhar it-Tlieta, id-9 ta' Diċembru, 2008, matul l-assenza tal-Onor. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

Id-9 ta' Diċembru, 2008
(OPM 1/2008/II)

No. 1089

ACTING PRIME MINISTER

IT is notified for general information that, acting on the advice of the Prime Minister, the President of Malta has directed that the Hon. Giovanna Debono, B.A.(Educ), M.P., Minister for Gozo, assumes the additional duties of Prime Minister with effect from Tuesday, 9th December, 2008, during the absence of the Hon. Lawrence Gonzi, K.U.O.M., LL.D., M.P.

9th December, 2008

Nru. 1090

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (SAĦĦA)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tas-Saħħa approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr J.M. Cachia	Direttur Ġenerali *Director General*	Saħħa *Health*	26-28.3.2007

Din in-Notifikazzjoni tħassar in-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 252 ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern tal-20 ta' Marzu, 2007.

Id-9 ta' Diċembru, 2008

No. 1090

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (HEALTH)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Health has approved the following acting appointment:–

This Notice cancels Government Notice No. 252 published in the Government Gazette dated 20th March, 2007.

9th December, 2008

Nru. 1091

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI REGOLAZZJONI DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Politika Soċjali approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Dr Charmaine Gauci	Direttur Ġenerali - Regolazzjoni dwar is-Saħħa Pubblika *Director General - Public Health Regulation*	Saħħa *Health*	09–12.12.2008

Il-5 ta' Diċembru, 2008

No. 1091

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL PUBLIC HEALTH REGULATION

THE Permanent Secretary in the Ministry for Social Policy has approved the following acting appointment:–

5th December, 2008

Nru. 1092

ĦATRA TA' DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Kompetittività u l-Ekonomija approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Mr Saviour Farrugia	Direttur Ġenerali *Director General*	Kummerċ *Commerce*	From 9-13.12.2008,

Id-9 ta' Diċembru, 2008

No. 1092

APPOINTMENT OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE)

THE Permanent Secretary in the Ministry for Competitiveness and Communications has approved the following acting appointment:–

9th December, 2008

Nru. 1093

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR/REĠISTRATUR QRATI ĊIVILI U TRIBUNALI ĊIVILI

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru għall-Ġustizzja u l-Intern approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

ISEM *NAME*	POŻIZZJONI *POSITION*	DIPARTIMENT *DEPARTMENT*	DATA *DATE*
Dr Mary Debono Borg	Aġent Reġistratur u Direttur Qrati Ċivili u Tribunali Ċivili *Acting Registrar and Director Civil Courts and Tribunals*	Qrati tal-Ġustizzja *Courts of Justice*	23.12.2008-5.01.2009

Id-9 ta' Diċembru, 2008

No. 1093

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR/ REGISTRAR CIVIL COURTS AND CIVIL TRIBUNALS

THE Permanent Secretary in the Ministry for Justice and Home Affairs has approved the following acting appointment:–

9th December, 2008

Nru. 1094

AWTORITÀ MALTIJA TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni Artikolu 47 tal-Att ta' 1992 dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp

L-Awtorità Maltija tal-Ambjent u l-Ippjanar tifhem li l-fdalijiet arkeoloġiċi li ġew skoperti riċentement, jiġifieri:-

Grupp ta' Oqbra Puniċi u Elementi Maqtugħa fil-Blat f'Tal-Ħotba Ħal Tarxien

(ara l-pjanta fuq paġna 12,106) huma ta' valur arkeoloġiku kif ukoll illi huma f'riskju li jiġu mgħottija, danneġġati jew distrutti.

L-Awtorità qiegħda b'din toħroġ Ordni ta' Emerġenza għall-Konservazzjoni għar-rigward tal-fdalijiet imsemmija hawn fuq skond l-artikolu 47 tal-Att dwar l-Ippjanar tal-Iżvilupp.

(i) Il-Grupp ta' Oqbra Puniċi u Elementi Maqtugħa fil-Blat, f'Tal-Ħotba, Ħal Tarxien (kif murija fil-pjanta msemmija), għandhom jitqiesu bħala fdalijiet arkeoloġiċi ta' Klassi B, skond il-*Policy* ARC 2 tal-Pjan ta' Struttura, minħabba l-valuri arkeoloġiċi tagħhom.

(ii) Irdim, ħsara, distruzzjoni jew żvilupp li jista' jaffettwa l-fdalijiet arkeoloġiċi sit huwa pprojbit sakemm tingħata opportunità adeguata sabiex jiġu dokumentati, u fejn hu meħtieġ, l-opportunità li jiġu skavati b'mod xjentifiku; kif ukoll il-konservazzjoni tagħhom.

(iii) Kull intervent ġewwa ż-żona tal-ECO, anke dawk koperti b'permess ta' żvilupp validu, għandhom jaddottaw miżuri xierqa sabiex il-fdalijiet arkeoloġiċi ma ssirilhom ebda ħsara. Dawn il-miżuri għandhom jiġu kkomunikati mill-perit/applikant lill-MEPA fi żmien 3 xhur.

Din l-Ordni tibqa' fis-seħħ għal żmien sitt (6) xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din l-Ordni.

Jekk il-fdalijiet jiġu demoliti jew mibdula bi ksur ta' din l-Ordni, l-Awtorità teżerċita s-setgħat tagħha ta' twettiq, kif imfissra f'artikoli 46,52, 53 u 55 tal-Att. L-Att jaħseb għal pieni ħorox għall-ksur ta' kontroll fuq Proprjetà Skedata.

Id-9 ta' Diċembru, 2008

No. 1094

MALTA ENVIRONMENT AND PLANNING AUTHORITY

Emergency Conservation Order Section 47 of the Development Planning Act, 1992

The Malta Environment and Planning Authority believes that the following recently discovered archaeological features, namely:-

Cluster of Punic Tombs and Rock Cut Features at Tal-Ħotba Tarxien

(see site plan on page 12,106) are of archaeological importance and also believes that the above features are in risk of being covered, damaged, or destroyed.

The Authority is hereby issuing an Emergency Conservation Order in respect of the above property in accordance with Section 47 of the Development Planning Act.

(i) This cluster of tombs and rock cut features at Tal-Ħotba, Tarxien (see above mentioned site plan), are to be considered as Class B archaeological features as per Structure Plan Policy ARC 2, by virtue of their archaeological significance.


(ii) The dumping of material, damage, destruction or development that may effect the archaeological features within the site is prohibited until adequate opportunities have been provided for the recording and where desirable their scientific excavation and conservation of the features.

(iii) Any interventions within the ECO boundary, even having a valid planning permit, should take in consideration adequate safeguards to the archaeological features which should be communicated by the architect/applicant to MEPA within 3 months.

The Order shall have effect for a period of 6 months from the publication of this order.

If the property is damaged or altered in contravention of this Order the Authority will exercise its powers of enforcement, as set out in Section 46, 52, 53 and 55 of the Act. The Act provides for severe penalties for contravention of control on Scheduled Property.

9th December, 2008


St. Francis Ravelin
Floriana
www.mepa.org.mt
Tel:(+356)2290 0000
Fax:(+356)2290 2295
MEPA
Malta Environment & Planning Authority
(c) Copyright Planning Authority
Bounding Co-Ords.of Map :-
Min E56491, N68656
Max E56876, N68980
Title :-
Emergency Conservation Order
Tal-Hotba,
Cluster of Punic Tombs &
Rock Cut features,
Tarxien
Ref No. :- GF 120/08
Legend: -
Punic Rock-cut Tombs included in MEPA National Protective Inventory SM_0125 (MAR 1965)
ECO Boundary
Punic Rock-cut Tombs
Rock-cut features
Form No. :- MU004
N
Tal-Hotba
TRIQ TAL-HOTBA
Il-Ho

Nru. 1095

MINISTERU TAL-FINANZI, L-EKONOMIJA U INVESTIMENT

Għotja ta' Darba fuq Xiri ta' Rota (Biċikletta)

BIEX il-Gvern jinċentiva l-użu ta' mezzi ta' trasport li ma jħammġux filwaqt li jinċentiva l-eżerċizzju fiżiku, il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment qiegħed iniedi din l-iskema.

1. Tifsir

F'din l-iskema, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġ xorta oħra:

'applikant' tfisser persuna residenti f'Malta. Fil-każ ta' applikant minuri taħt is-sittax-il sena, fid-data ta' l-applikazzjoni, wieħed mill-ġenituri jew il-persuna li għandha l-kustodja legali tal-minuri għandha tapplika għan-nom ta' l-applikant minuri;

'data effettiva' tfisser l-1 ta' Diċembru 2008;

'Malta' tfisser il-gżejjer Maltin;

'riċevuta fiskali' tfisser riċevuta kif imfissra fit-Tlettax-il Skeda ta' l-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (Kap. 406), kif sussegwentament emendat, u tinkludi kull regolament magħmul taħt l-istess Att;

'rota' tfisser kwalunkwe biċikletta iżda ma tinkludix roti li għandhom xi mutur stallat magħhom;

'valur tax-xiri tar-rota' tfisser il-valur tax-xiri tar-rota kompluta, kif muri fl-irċevuta fiskali, eskluż kwalunkwe materjal addizzjonali jew aċċessorji.

2. Min jista' japplika għall-għotja taħt din l-l-iskema

Din l-iskema tapplika għall-infiq li jsir darba biss fuq il-valur tax-xiri tar-rota mill-applikant.

No. 1095

MINISTRY OF FINANCE, THE ECONOMY AND INVESTMENT

A Once-Only Grant on the Purchase of a Bicycle

IN ORDER to encourage the use of clean means of transport while, at the same time, encouraging physical exercise, the Minister of Finance, the Economy and Investment has made the following scheme.

1. Interpretation

In this scheme, unless the context otherwise requires:

'applicant' means any person who is a resident in Malta. When the applicant is under the age of 16 as on the date of application, one of the parents or the legal guardian must apply on his/her behalf;

'effective date' means the 1 December 2008;

'Malta' means the islands of Malta;

'fiscal receipt' means a receipt as defined in the Thirteenth Schedule to the Value Added Tax (Chap. 406), as subsequently amended, and also includes any regulation made by the same Act;

'bicycle' means any bicycle however, any motor-powered bicycle is excluded;

'purchase price of the bicycle' means the purchase price of the complete bicycle as shown in the fiscal receipt, however excluding any additional parts or accessories.

2. Area of applicability

This scheme applies to the expenditure that is incurred once only on the purchase price of the bicycle by the applicant.

3. L-infiq li għandu jiġi rraportat

L-infiq li għandu jiġi rraportat huwa dwar il-valur tax-xiri tar-rota kif muri fl-irċevuta fiskali.

4. Kif wieħed japplika u dokumenti li għandhom jiġu pprovduti

(i) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għandhom isiru fuq il-formula, murija fl-iskeda li tinsab ma' din l-iskema, u għandu jkun fihom dak it-tagħrif, dettalji u dokumenti kollha kif meħtieġa fl-imsemmija formola u skond din l-iskema.

(ii) L-applikazzjonijiet għandu jkollhom mehmuża magħhhom id-dokumenti li ġejjin:

(a) kopja tal-Karta tal-Identità tal-applikant, jew xi dokument uffiċjali ieħor fin-nuqqas ta' Karta' tal-Identità. Fil-każ ta' applikant minuri taħt is-sittax-il sena huma meħtieġa l-Karta tal-Identità tal-ġenitur/i jew kustodja/i legali li qed japplikaw għan-nom tal-minuri, jew xi dokument uffiċjali fin-nuqqas tal-Karta tal-Identità, flimkien mal-Karta tal-Identità tal-minuri jew fin-nuqqas tagħha ċertifikat uffiċjali tat-twelid.

(b) l-irċevuta fiskali oriġinali tax-xiri tar-rota flimkien mal-irċevuta oriġinali li tindika it-tip ta' rota li nxtrat;

(c) kull dokument ieħor li l-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment jista' jitlob minn żmien għal żmien.

(iii) Ikunu jikkwalifikaw biss għall-għotja msemmija fil-paragrafu 5 ta' din l-iskema dawk l-applikazzjonijiet li jkuna jikkonformaw mad-dispożizzjonijiet ta' din l-iskema.

(iv) Applikazzjonijiet taħt din l-iskema, inkluż id-dokumenti meħtieġa li jintbagħtu mal-applikazzjoni, għandhom ikunu indirizzati lid-Dipartiment tal-VAT, ta' Paris Birkirkara, fi żmien tliet xhur mid-data tax-xiri tar-rota.

5. Għotja li titħallas taħt din l-iskema

Applikanti li jikkwalifkaw jistgħu japplikaw għall-għotja ta' darba biss ta' 15.25% fuq il-valur tax-xiri tar-rota sa għotja tal-valur massimu ta' 70 Euro.

3. Expenditure to be reported

The expenditure to be reported is in respect of the purchase price of the bicycle as shown on the fiscal receipt.

4. Manner of application and supporting documents

(i) Applications under this scheme shall be made in the form, set out in the schedule to this scheme, and shall contain all the information, details and documents as required in the said form and in terms of this scheme.

(ii) Applications shall be accompanied by the documents shown hereunder:

(a) a copy of the Identity Card of the applicant, or any other official document in the absence of an Identity Card. When the applicant is under the age of sixteen, the parent/s or legal guardian/s applying on the applicant's behalf should produce a copy of his/her Identity Card, or any other official document in the absence of the Identity Card, as well as the applicant's junior Identity Card or, in the absence of the latter, the official birth certificate.

(b) the original fiscal receipt relating to the purchase of the bicycle, together with the original invoice indicating the type of bicycle purchased;

(c) any other document which the Minister of Finance, the Economy and Investment may, from time to time, require.

(iii) Only those applications that are found to conform with the provisions of this scheme shall be eligible for payment of the grant referred to in paragraph 5 of the scheme.

(iv) Applications under this scheme, including the documents that are to be submitted with the application, shall be submitted/sent to the VAT Department, Ta' Paris Birkirkara, not later than three months from the purchase of the bicycle.

5. Grant payable under this scheme

Eligible applicants may apply for a once-only grant of 15.25% on the purchase price of the bicycle subject to a maximum grant of 70 Euro.

6. Ħlas tal-għotja

L-għotja titħallas lill-applikant, jew lil-ġenitur/i/kustodja/i legali fil-każ ta' applikant minuri taħt is-sittax-il sena, permezz ta' ċekk fl-indirizz li jidher fuq l-applikazzjoni.

7. Validità ta' l-applikazzjoni

Ma jitqiesx li tkun saret applikazzjoni kemm-il darba din ma tkunx sħiħa u dettaljata f'kull aspett materjali tagħha u kemm-il darba ma jkunx fiha t-tagħrif kollu meħtieġ u kemm-il darba ma jkollhiex mehmuż magħha d-dokumentazzjoni mitluba fl-imsemmija applikazzjoni.

8. Tul ta' l-iskema

Din l-iskema għandha tul definit u tibda' mill-1 ta' Diċembru 2008, u tispiċċa fil-31 ta' Diċembru 2009, sakemm din l-iskema ma tiġix modifikata/mitmuma permezz ta' Notifika fil-Gazzetta tal-Gvern u tiġġedded skond kif jaħseb li hemm il-ħtieġa il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment u kif tiġi hekk ppubblikata permezz ta' Notifika oħra fil-Gazzetta.

9. Emendi għall-iskema

Il-Ministru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment iżomm id-dritt li jagħmel kull tibdil f'din l-iskema bil-pubblikazzjoni ta' dak it-tibdil fil-Gazzetta tal-Gvern.

10. Diżpożizzjonijiet transitorji

Applikazzjonijiet taħt din l-iskema għal-roti li nxtraw bejn l-1 ta' Diċembru, 2008 u d-data tal-publikazzjoni ta' dan l-avviż għandhom jitqiesu bħala applikazzjonijiet validi taħt din l-iskema. F'dawn il-każijiet, l-applikazzjonijiet għandhom jintbagħtu fi żmien tliet xhur mid-data tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż.

SKEDA

(ara il-formola tal-applikazzjoni f'paġna 12,110 u 12,111)

Id-9 ta' Diċembru, 2008

6. Payment of Grant

The grant will be paid to the applicant, or to the parent/s/legal guardian/s in the case of applicants under the age of 16, by cheque posted to the address shown on the application.

7. Validity of application

An application shall not be deemed to have been submitted unless it is full and complete in all material respects and unless it contains all the information and is accompanied by all documentation requested therein.

8. Duration of the scheme

This scheme has a definite duration and will start as from the 1 December 2008, and end on the 31 December 2009, until this scheme is not modified/terminated by means of a Notice in the Government Gazette and shall be renewed as deemed necessary by the Minister of Finance, the Economy and Investment and as shall be thus published in another Notice in the Gazette.

9. Amendments to the scheme

The Minister of Finance, the Economy and Investment reserves the right to make any amendments to this scheme by the publication of the said amendments in the Government Gazette.

10. Transitory provisions

Applications made under this scheme for bicycles purchased between the 1 December, 2008 and the date of publication of this notice, shall be deemed to be valid applications under this scheme. In such cases, applications shall be submitted within three months from the date of publication of this notice.

SCHEDULE

(see the application form on pages 12,110 and 12,111)

9th December, 2008

Numru ta' Referenza

Dipartiment tal-VAT
'Centre Point Buildings'
Triq Ta' Paris
B'Kara, BKR 4633
(Tel: 21499330)

APPLIKAZZJONI GHAL GĦOTJA TA' DARBA FUQ XIRI TA' ROTA (BIĊIKLETTA)

Jiena _____Nru. Tal-I.D. _____ u li noqgħod

_____

_____

qed napplika għan-nom tiegħi/tat-tifla/tat-tifel tiegħi/ta' (isem) _____li tagħha/tiegħu għandi kustodja legali (aqta' barra fejn mhux applikabli), għal għotja ta' darba fuq xiri ta' rota.

Tip ta' rota (rejser/BMX/*mountain bike*/ rota tat-tfal/xort'oħra)

_____

Serial number tar-rota _____

Din ir-rota xtrajtha fil-/fl- (data) _____

u l-valur tagħha huwa ta' Euro _____

Qed nibgħat ukoll l-irċevuta fiskali oriġinali tax-xiri tar-rota

(VAT No. minnfejn xtrajt ir-rota.) _____

Jiena niddikjara li/it-tifla/it-tifel/il-minuri fil-kustodja legali tiegħi hawn fuq indikat/a ma nagħtajtx/nagħtatx/nagħtax għotja oħra fuq xi rota oħra.

Nitlob sabiex il-għotja titħallas kif jidher hawn taħt:

Isem _____

Indirizz _____

_____

Niddikjara li d-dettalji u l-informazzjoni f'din l-applikazzjoni huma korretti. Niddikjara wkoll li din it-talba hija waħda finali.

_____	_____	_____	_____
Isem sħiħ ta' l-applikant	Firma	Data	Nru. tat-telefon

Din l-applikazzjoni għandha tkun indirizzata lid-Dipartiment tal-VAT, 'Centre Point Bldgs', Triq Ta' Paris, B'Kara BKR 4633, flimkien mad-dokumenti kollha meħtieġa fi żmien tliet xhur mid-data tax-xiri tar-rota.

Id-dokumenti hawn taħt imsemmija huma meħtiega:-

(i) Kopja tal-Karta ta' l-Identita' ta' l-applikant jew tal-ġenitur/kustodju legali fil-każ ta' applikant minuri taħt is-16-il sena ;

Meta l-applikazzjoni issir f'isem minuri taħt is-sittax-il sena, kopja tal-Karta ta' l-Identita' tal-minuri. Meta din ma tkunx inħarġet, kopja taċ-ċertifikat tat-twelid ;

(ii) L-irċevuta fiskali oriġinali tax-xiri tar-rota ; u

(iii) L-invojs oriġinali.

It-tagħrif personali mogħti fuq din il-formola huwa protett u wżat skond l-Att Dwar il-Protezzjoni u l-Privatezza tad-Data.

It-tagħrif mogħti fuq din l-applikazzjoni ser jintuża mill-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment u mid-Dipartiment tal-VAT.

Reference Number

Department of VAT
Centre Point Buildings
Ta' Paris Road
B'Kara, BKR 4633.
(Tel: 21499330)

APPLICATION FOR A ONCE-ONLY GRANT ON THE PURCHASE OF A BICYCLE

I _____ I.D. number _____ residing at

_____

_____

am applying /on behalf of myself/mydaughter/son /on behalf of

_____

being her/his legal guardian (delete where not applicable) for a once-only grant on the purchase of a bicycle.

Type of bicycle (racer/BMX/mountain bike/child's bike/other)

_____

Serial number of the bicycle_____

I bought this bicycle on the (date) _____ and the

purchase price of this bicycle is Euro _____

I am also submitting the original fiscal receipt of the purchase of this bicycle.

VAT No. of seller of bicycle _____

I declare that I/my daughter/my son/the minor in my custody mentioned above have/has/have not, /has not received other grants in connection with the purchase of other bicycles.

I request that payment of the grant be made as follows:

Name _____

Address _____

I declare that the details and the information in this application are correct. I further declare that this claim is final.

_____	_____	_____	_____
Name in full of applicant	Signature	Date	Tel. number

This application, together with all the relevant documents, is to be submitted/sent to the VAT Department, Centre Point Buildings, Ta' Paris Road, B'Kara BKR 4633, within three months from the date of purchase of the bicycle.

The following documents are to be submitted together with application:-

(i) A copy of the I.D Card of the applicant or of the parent/legal guardian in the case of a minor under the age of 16 years;

When the application is made on behalf of a minor under 16 years, a copy of the latter's junior Identity Card is also to be submitted. When this has not yet been issued, a copy of birth certificate is to be produced;

(ii) The original fiscal receipt of the purchase of the bicycle; and

(iii) The original invoice

Personal information provided on this form is protected and used in accordance with the Data Protection Act.

The information shown on this application form will be used by the Ministry of Finance, the Economy and Investment and the Department of VAT.

Nru. 1096

ORDINANZA DWAR L-AKKWIST TA' ARTIJIET GĦAL SKOPIJIET PUBBLIĊI (KAP. 88)

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 1066 tat-3 ta' Diċembru 2008, il-kumpens korrett offrut għal *site* 5 fl-Isla huwa dak ta' €46. Il-kumpens ta' €64 muri fil-verżjoni Maltija u €1066 muri fil-verżjoni Ingliża tal-istess dikjarazzjoni huma t-tnejn żbaljati.

Id-9 ta' Diċembru, 2008

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjonijiet ta' *Programme Manager (EU Paying Authority)* fid-Direttorat tal-*EU Paying Authority*, fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment

**Skond klawsola 3.1 tal-Ftehim Kollettiv kurrenti, nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.*

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjonijiet ta' *Programme Manager (EU Paying Authority)* fid-Direttorat tal-*EU Paying Authority,* fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Programme Manager (EU Paying Authority)* fid-Direttorat tal-*EU Paying Authority,* fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Programme Manager (EU Paying Authority)* matul il-perjodu tal-*assignment* ikollha l-*assignment* tagħha terminat.

2.2 Jekk persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li għandha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm l-grad sostantiv tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għal dan il-grad sostantiv meta l-*assignment* jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li għandha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impieg tagħha mal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment kif ukoll mal-Gvern ta' Malta jintemm f'każ li jiġi terminat l-*assignment*.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku fis-Servizz Pubbliku ta' Malta li għandha grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment* tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala 7,

No. 1096

LAND ACQUISITION (PUBLIC PURPOSES) ORDINANCE (CAP. 88)

WITH reference to Government Notice No. 1066 dated 3rd December 2008, the correct compensation offered for site 5 at Senglea is that of €46. The compensation of €64 offered in the Maltese version and €1066 shown in the English version of the same declaration are both mistaken.

9th December, 2008

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Positions of Programme Manager (EU Paying Authority) in the Eu Paying Authority Directorate within the Ministry of Finance, the Economy and Investment

**In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.*

The Public Service Commission invites applications for the positions of Programme Manager (EU Paying Authority) within the EU Paying Authority Directorate, Ministry of Finance, the Economy and Investment.

2.1 The selected candidate will enter into a thirty-six (36) month assignment as Programme Manager (EU Paying Authority) in the EU Paying Authority Directorate, Ministry of Finance, the Economy and Investment. Unsatisfactory performance as Programme Manager (EU Paying Authority) during the assignment period will lead to termination of assignment.

2.2. If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the assignment period and will return to his/her substantive grade on the termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, his/her employment with the Ministry of Finance, the Economy and Investment as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of the assignment.

2.3 If a selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service and, during the assignment period, is appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish

hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Programme Manager (EU Paying Authority)* u tkun trasferita għaddoveri li jikkorespondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sostantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar mill-massimu ta' Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bl-*assignment* fis-seħħ.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni jkun ekwivalenti għall-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (€21,244 fl-2009). Għall-fini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93), id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sostantiv tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*, f'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sostantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

3.2 Il-pożizzjonijiet jistgħu jkunu ko-finanzjati mit-*technical assistance budgets* tal-Programmi ta' Koeżjoni 2007-2013.

3.3 Il-persuna magħżula tkun intitolata wkoll għall-*performance bonus* sa massimu ta' 10% tas-salarju bażiku marbut ma' xogħol sodisfaċenti.

4. Id-dmirijiet tal-persuna fil-pożizzjoni ta' *Programme Manager (EU Paying Authority)* jinkludu *inter alia*:-

a) timmaniġġja kull informazzjoni fuq l-implimentazzjoni tal-proġetti u programmi li jkunu taħt ir-responsabbiltà tagħha u tkun ċerta li kull azzjoni meħtieġa tittieħed;

b) li tirreġistra l-attivitajiet kollha kif ukoll tiġbor informazzjoni adekwata li sservi bħala bażi għall-immaniġjar finanzjarju tajjeb;

c) tagħmel spezzjonijiet fuq il-post ta' proġetti li jkunu fi stadju ta' twettiq meta meħtieġ;

d) tieħu sehem f'Kumitati ta' Sorveljanza, Sotto Kumitati tas-Setturi u laqgħat oħra;

e) tkun involuta fi tħejja ta' rapporti kif meħtieġ;

f) tieħu responsabbiltà biex tiċċertifika l-infiq konness mal-fondi Strutturali, ta' KoeΩjoni u fondi oħra kif mogħtija mid-Direttur;

g) tikkoordina mal-Ministeri u ma' *stakeholders* orizzontali, partikolarment mal-*Managing Authority*, l-*Audit Authority*, it-Teżor, id-Dipartiment tal-Kuntratti u ma' *stakeholders* orizzontali rilevanti oħrajn, inklużi l-imsieħba, bil-għan li jinftiehem ċar il-proċeduri u l-kontroll marbuta mat-tmexxija tal-Fondi tal-EU f'Malta;

h) tikkonsulta ma' u tagħti pariri lid-Direttur (*EU Paying Authority*) jew uffiċjali oħrajn fejn jidħlu xi nuqqasijiet u problemi sabiex jittieħdu miżuri xierqa f'waqthom;

i) iżżomm *records* sabiex tippreżentahom lill-awdituri sew lokali kif ukoll barranin;

j) tagħti pariri kif jistgħu jitranġaw sistemi biex jitjieb ix-xogħol u tgħin biex ittejjeb ix-xogħol;

the duties of Programme Manager (EU Paying Authority) and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of the selected officer becomes higher than the maximum of Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

3.1 The salary attached to this position is equivalent to the maximum point of Salary Scale 7 (€21,244 per annum in 2009). For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93), the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of the substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance, in case a selected applicant is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service.

3.2 Positions may be co-financed by the technical assistance budgets of the 2007-2013 Cohesion Policy Programmes.

3.3 A selected candidate will also be entitled to a performance bonus of up to a maximum of 10% of his/her basic salary subject to positive performance.

4. The Programme Manager will, inter alia, be required to :-

a) manage all the effective information on implementation of the projects and programmes assigned and ensure that all action required is taken;

b) record all pertinent activities, including compiling adequate records which should serve as basis for sound financial management;

c) carry out on-the-spot checks with respect to ongoing projects and programmes when required;

d) participate in the relevant Monitoring Committees, Sectoral Sub-Committees and bilateral meetings;

e) be involved in the drawing up of reports as required;

f) take responsibility for certification of expenditure for Structural, Cohesion and other funds assigned by the Director (EU Paying Authority);

g) liaise with line Ministries and horizontal stakeholders, particularly the Managing Authority, the Audit Authority, the Treasury and the Department of Contracts and other relevant horizontal stakeholders including partners with a view to developing a clear understanding of procedures and control relating to the management of EU Funds in Malta;

h) consult and advise the Director (EU Paying Authority) or indicated officials on any shortcomings and problems so that corrective action is taken in time;

i) make records available as and when required by auditors, whether local or foreign;

j) advise on changes required in current systems, which could lead to improvements and assist in bringing about the required changes;

k) tirrappreżenta lill-Gvern, il-Ministeru, l-*EU Paying Authority* jew xi dipartiment ieħor indikat lilha kemm f'Malta kif ukoll barra minn Malta;

l) li tagħmel kull xogħol ieħor kif imqabbda mis-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment u/jew id-Direttur (*EU Paying Authority*).

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:-

(a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta; jew

(ii) ikunu ċittadini ta' stat ieħor membru tal-Unjoni Ewropea; jew

(iii) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-EU dwar movement ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE għandu jiġi kkonsultat il-Ministeru tal-Affarijiet Barranin); jew

(iv) ikunu l-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f' (i), (ii), (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skond leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii) u (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenza tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(ċ) (i) ikollhom, jew ikunu approvati biex jingħataw, *post-graduate degree* (*Masters*) rikonoxxuta, jew kwalifika oħra xierqa, komparabbli u rikonoxxuta, fil-*European* jew *International Studies*, jew *Management Studies*, jew *Business Studies*, jew *Public Policy*, Komunikazzjoni jew fl-Istudji Legali jew f'suġġett relatat, u sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti;

Jew

(ii) ikollhom, jew ikunu approvati biex jingħataw, *first degree* rikonoxxuta, jew kwalifika oħra xierqa, komparabbli u rikonoxxuta, fil-*European* jew *International Studies*, jew *Management Studies*, jew *Business Studies*, jew *Public Policy*, Komunikazzjoni jew fl-Istudji Legali jew f'suġġett relatat, u tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

(d) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġa impjegati fis-Servizz Pubbliku ta' Malta għandhom jippreżentaw il-formola (GP47) *Service and Leave Record Form*; filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz

k) represent the government, the Ministry, the EU Paying Authority Directorate or any other indicated department or entity as required, both in Malta and abroad; and

l) carry out other duties as may be determined from time to time by the Permanent Secretary Ministry of Finance, the Economy and Investment and/or the Director EU Paying Authority.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) (i) citizens of Malta; or

(ii) citizens of another European Union Member State; or

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply); or

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(b) able to communicate in the Maltese and English languages.

(c) (i) in possession of, or have been approved for the award of, a recognized postgraduate degree (i.e. Masters), or a recognized appropriate comparable qualification, in European or International Studies, or in Management Studies, or Business Studies, or Public Policy, Communications or Legal Studies or in a related area, plus one year relevant work experience;

Or

(ii) in possession of, or have been approved for the award of, a recognized first degree, or a recognized appropriate comparable qualification, in European or International Studies, or Management Studies, or Business Studies, or Public Policy, or Communications or Legal Studies or in a related area, plus three (3) years relevant work experience;

(d) of good moral character; (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Malta Public Service must produce a Certificate of

Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew minn awtorità oħra kompetenti mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati tal-Gvern ta' Malta u jagħtu dettalji);

Conduct issued by the Police or another competent authority not earlier than six (6) months prior to the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Malta Government Service, giving details).

(e) Kunsiderazzjoni xierqa tingħata lil dawk l-applikanti li jkun jafu b'lingwi oħra uffiċjali tal-UE.

(e) Due consideration will be given to applicants who have knowledge of other EU official languages.

6.1 Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità), (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act, (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided that they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

6.2 Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti relevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

6.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Division and copied to the NCPD.

7.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi fotokopji tagħhom iridu jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

7.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

7.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista.

7.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

7.3 Hija r-responsabbiltà ta' applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet barranin/istituzzjonijiet terzjari, li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa mill-*Malta Qualifications Recognition Information Centre* (MQRIC) fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew awtorità kompetenti, skond il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkun jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkostanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

7.3 It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by foreign Universities/tertiary education institutions, to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as it becomes available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications.

8.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal intervista minn Bord tal-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

8.2 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment.

8.3 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultati jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali kollha.

8.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultati skond Sezzjoni 1.1.10 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi fi żmien għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

9. Persuni magħżula jkunu jridu joqogħdu għal eżami mediku biex jiġi assigurat li huma adattati għal din il-pożizzjoni.

10.1 Persuni magħżula jistgħu jkunu meħtieġa li jivvjaġġaw barra minn Malta (għal taħriġ kif ukoll fuq xogħol) skont kif meħtieġ mid-Direttur (*EU Paying Authority*).

10.2 Persuni magħżula biex isiefru biex jagħmlu l-korsijiet, jintrabtu bil-kundizzjonijiet relevanti skont il-*Malta Public Service Management Code*.

11. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta VLT 2000 sa mhux aktar tard min-nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Jannar 2009.

12. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mit-Taqsima tal-impjegati, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta VLT 2000.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz tal-fax jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin tal-Ewropa Ċentrali) ta' nhar il-Ġimgħa, 9 ta' Jannar 2009 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji

8.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

8.2 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice board of the Office of the Public Service Commission and that of the Department of Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment.

8.3 A notification of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organisations.

8.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.10 of the Public Service Management Code should be submitted within ten (10) working days from the date of publication of the notice in the Government Gazette.

9. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

10.1 The selected applicant may be required to travel abroad (for training and also for work) as determined by the Director, EU Paying Authority Directorate.

10.2 The selected applicant proceeding abroad to follow courses will be bound by the relevant conditions laid down in the Public Service Management Code.

11. Applications together with a curriculum vitae indicating qualifications and experience will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment, Maison Demandols, South Street, Valletta VLT2000 by not later than noon (Central European Time) of Friday, 9th January 2009.

12. Application forms may be downloaded from the following websites:-

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Director Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment, Maison Demandols, South Street, Valletta VLT2000.

13. Applications received from abroad through fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 9th January 2009, may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly

kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta mhux aktar tard minn gimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-fax tad-Dipartiment riċeventi huwa +356 21251356.

14. (a) Tingħata riċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal bl-idejn sal-Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment, Maison Demandols, Triq Nofsinhar, Valletta.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Id-Direttur, Servizzi Korporattivi, Ministeru tal-Finanzi, l-Ekonomija u Investiment jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

Id-9 ta' Diċembru, 2008

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġlu jimla l-vakanza ta:

Deputat Reġistratur/Uffiċjal tal-Eżamijiet (Permess tal-ETC Nru. 241/2008)

Id-Deputat Reġistratur jagħmilha ta' viċi tar-Reġistratur u jaġixxi bħala l-Uffiċjal tal-Kulleġġ għall-Eżamijiet u bħala l-persuna li għandhom jikkuntattjaw magħha l-korpi tal-eżamijiet/*awarding bodies*.

Il-kandidat li jintgħażel għandu:

Ikollu *degree* rikonoxxuta;

Ikun eliġibbli għal aktar studju f'livell ta' wara l-gradwazzjoni f'livell ta' *Masters* jew ekwivalent;

Ikollu tal-anqas erba' snin esperjenza fl-amministrazzjoni tal-edukazzjoni;

Jingħataw preferenza l-applikanti li jkollhom Diploma ta' wara l-gradwazzjoni fl-Amministrazzjoni u l-Management fl-Edukazzjoni mill-Università ta' Malta jew kwalifika ekwivalenti

L-applikant li jintgħażel ikun meħtieġ li:

Jiżgura li r-regoli/regolamenti kollha tad-diversi *awarding bodies* ikunu osservati bir-reqqa u jżommu ruħhom aġġornati mal-bidliet li jistgħu jsiru minn żmien għal żmien;

Jiżgura li l-eżamijiet kollha bbażati fil-Kulleġġ jitmexxew b'mod xieraq;

signed by the applicant must reach the Director Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Director Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment is +356 21251356.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment, and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry of Finance, the Economy and Investment, within seven (7) days.

9th December, 2008

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancies

The Malta College of Arts, Science and Technology (MCAST) is seeking to fill the vacancy of:

Deputy Registrar/Examinations Officer
(ETC Permit No. 241/2008)

The Deputy Registrar will deputise for the College Registrar and will act as the College's Examinations Officer and as the point of contact with all examining/awarding bodies.

The successful candidate must:

Be in possession of a recognised degree;

Be eligible for further study at post-graduate level at Masters level or equivalent;

Have a minimum of four years experience in educational administration;

Applicants in possession of the Post Graduate Diploma in Educational Administration and Management of the University of Malta or an equivalent qualification will be given preference.

The selected applicant will be expected:

To ensure that all rules/regulations of the various awarding bodies are strictly observed and to keep abreast with all changes that may be forthcoming from time to time;

To ensure that all College based examinations are conducted in an appropriate manner;

Iżomm reġistri dettaljati tal-istudenti kollha li jagħmlu l-eżamijiet jew jingħataw Ċertifikati tal-Kulleġġ;

Isegwu l-iżvilupp b'mod attiv f'oqsma tal-Edukazzjonali Ogħla u Vokazzjonali fl-Ewropa u internazzjnalment.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tal-Kuleġġ, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard minn nofsinhar tat-Tnejn, 22 ta' Diċembru 2008 f'nofsinhar. Applikazzjonijiet, li jinkisbu *online* u mir-*Reception* tal-Bini tal-Amministrazzjoni tal-MCAST, għandhom ikunu indirizzati lill-Uffiċjal Amministrattiv Ewlieni, Bini tal-Amministrazzjoni, MCAST Main Campus, it-Telgħa ta' Kordin, Raħal Ġdid PLA 9032.

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew li ma jkunux mimlija kif suppost ma jiġux ikkunsidrati.

Id-9 ta' Diċembru, 2008

To maintain accurate records for all students entering examinations or awarded College Certificates;

To actively follow developments in the areas of Higher and Vocational education in Europe and internationally.

Prospective candidates are invited to submit the completed College application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 22nd December 2008 at noon. Applications, which are available online and from the Reception at MCAST Administration Building, are to be addressed to: The Chief Administration Officer, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032.

Late and incomplete applications will not be considered.

9th December, 2008

DIVIŻJONI TAS-SAĦĦA

Lista ta' offerti mogħtija mis-Servizzi ta' *Procurement* tal-Gvern (Taqsima tas-Saħħa) matul Novembru 2008.

HEALTH DIVISION

List of tenders awarded by the Government Health Procurement Services during November 2008.

Natura tal-oġġett *Nature of item*	Kuntrattur *Contractor*
Calcium chloride infusion	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Food preparation	V.J. Salomone Pharma Ltd. - Valletta
Frusemide 20mg injections	Alfred Gera & Sons Ltd. - Qormi
Polyglactin 910 undyed rapide	A. M. Mangion Ltd. - Luqa
Gallipots 280mls	Technoline Ltd. - Gżira
Acetazolamide 250mg SR capsules	Alfred Gera & Sons Ltd. - Qormi
Consumables for spacelab monitor	Sidroc Services Ltd .- Gżira
Tipless stone retrieval basket	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Hydrocortisone ointment 1%	Charles De Giorgio Ltd. - Birkirkara
Mivacurium 2mg/ml injections	Alfred Gera & Sons Ltd. - Qormi
Consumables for datex-ohmeda monitor	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Sterile luer lock syringes sz 2cc, 5cc, 10cc, 20cc and 30cc	Drugsales Ltd. - Lija
Lorazepam 1mg tablets	Europharma Ltd. - Birkirkara
Chlorhexidine gluconate mouthwash	Alfred Gera & Sons Ltd. - Qormi
PDS G3/0 26mm cc	A. M. Mangion Ltd. - Luqa
Peg-asparaginase injections	Pharmachemic Trading Agency - Rabat
Dental aspirator cleaning solution	Marletta Enterprises Ltd. - Naxxar
Minnesota 4 lumen oesaphageal tubes	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Cohesive light support bandages	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Prolene W8761	A. M. Mangion Ltd. - Luqa
Paediatric endotracheal intubation stylet	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Radial artery catheterisation set 20g x 4mm	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Consumables for compact 2 blood gas analsyer	Vivian Corporation Ltd. - Msida
Dental cartdiges	Cherubino Ltd. - Gżira
Drotrecogin alfa (activated)	Charles De Giorgio Ltd. - Birkirkara
Chlorhexidine gluconate and cetrimide sachets	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Betamethasone scalp application 0.1%	Alfred Gera & Sons Ltd. - Qormi

Disposable laparascopic clip applier	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Oxygen sensor for 7800 datex-ohmeda ventilators	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Disposable reloadable integral linear cutter and stapling device and loading units	A. M. Mangion Ltd. - Luqa
One-step pregnancy test kits	Krypton Chemists Ltd. - St. Andrews
Surgical stockinette size 5, 7.5 and 10.0	Medina Healthcare Ltd. - San Ġwann
Disposable surgical trocars, size 5mm	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Urine test strips with equipment on loan	Vivian Corporation Ltd. - Msida
Extractors mucus	Krypton Chemists Ltd. - St. Andrews
Reagent consumables for use with IL482 carboxymeter	Technoline Ltd. - Gżira
Venture steerable guide wire guiding catheter	Charles De Giorgio Ltd. - Birkirkara
Ethmabutol 400mg tablets	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
Baxter edward swan ganz 8fr	Drugsales Ltd. - Lija
Electro surgery suction/irrigation device	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Polyglactin 9/0 braided suture	A. M. Mangion Ltd. - Luqa
Cuffed tracheostomy tubes, size 7.0, 7.5 and 10.0	Medina Healthcare Ltd. - San Ġwann
Onyx kit	Charles De Giorgio Ltd. - Birkirkara
Wound dressing emulsion	Jane Mifsud - Mellieha
Braided synthetic absorbable ligatures	Drugsales Ltd. - Lija
Cannula I.V. size 14fg	Laboratory Solution Ltd. - St. Julians
Absorbable haemostat	A. M. Mangion Ltd. - Luqa
Inoculating loops	Drugsales Ltd. - Lija
Disposable biopsy forceps 6/7 french	Sidroc Services Ltd .- Gżira
Disposable sterile video camera drapes	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Aluminium containers for T.U.R. operations	A. M. Mangion Ltd. - Luqa
Fully disposable extractor kit	Technoline Ltd. - Gżira
Needle spinal puncture size 20g	Adeptis Ltd. - St. Venera
Orphenadrine hydrochloride 50mg tablets	Vivian Corporation Ltd. - Msida
Denis browne collars and beads	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
High compression extensible bandages	Convatec Ltd. - UK
Polyglactin - braided synthetic absorbable suture	A. M. Mangion Ltd. - Luqa
Consumables for dinamap PRO 1000 V3 monitor	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Nitinol guide wires	Jamesco Trading Ltd. - Sliema
Monofilament polypropylene G4/0	A. M. Mangion Ltd. - Luqa
Diet supplementation powder	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Paracetamol 500mg suppositories	Europharma Ltd. - Birkirkara
Bisacodyl 5mg tablets	Vivian Corporation Ltd. - Msida
Rae preformed endotracheal tubes, size 5.0	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Soda lime B.P.	Technoline Ltd. - Gżira
Betamethasone 0.05% (as the dipropionate ester) cream	Associated Drug Co. Ltd. - Mrieħel
Convatec esteem closed pouches 30mm	Convatec Ltd. - UK
Finger switch	Technoline Ltd. - Gżira
Caoted vicryl plus	A. M. Mangion Ltd. - Luqa
Simcoe irrigation/aspiration cannulae	Drugsales Ltd. - Lija
Aerosol lubricant spray	Medina Healthcare Ltd. - San Ġwann
Nebulizer with T - piece	Technoline Ltd. - Gżira
Consumables for nova phox blood gas analysers	Technoline Ltd. - Gżira
Extra length epidural needles	Medina Healthcare Ltd. - San Ġwann
Antibiotic ointment : Polymxyin B and bacitracin	P & D Pharmaceuticals Ltd. - UK
ECG thermal paper for MAC 500 ECG machine	Krypton Chemists Ltd. - St. Andrews
Leaderflex G20 x 6cm arterial line cannula	Vygon - France
Leaderflex 2 set with seldinger technique	Vygon - France
Face mask angled connector	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Soft spot disposable temperature probe covers	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Laryngoscope blades	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Suage keile swabs	Drugsales Ltd. - Lija

HCV confirmatory kits with equipment for automated interpretation	Cherubino Ltd. - Gżira
Sterilisation reels 400mm x 200 metres	Medina Healthcare Ltd. - San Ġwann
Pap smear containers	Associated Equipment Ltd. - San Ġwann
Umbilical catheters size FG 4	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera
Indeflators and accessory kits	Technoline Ltd. - Gżira (Rec. 66.7%)
Indeflators and accessory kits	Pharma-Cos Ltd. - St. Venera (Rec. 33.3%)
Catheters foley size 6FG	Drugsales Ltd. - Lija
Polyglactin 910 braided suture	A. M. Mangion Ltd. - Luqa

Id-9 ta' Diċembru, 2008

9th December, 2008

KUNSILL LOKALI SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Kunsill Lokali San Pawl il-Baħar jgħarraf li minħabba xogħol ta' kostruzzjoni, Triq San Pawl minn quddiem il-Mecca Stores sar-*roundabout* tax-Xemxija se tkun magħluqa għas-servizz tat-trasport pubbliku kif ukoll għall-karozzi privati nhar il-Ħamis, 11 ta' Diċembru, 2008 mid-9.00 a.m. sal-4.00 p.m.

Id-9 ta' Diċembru, 2008

SAN PAWL IL-BAĦAR LOCAL COUNCIL

San Pawl il-Baħar Local Council notifies the general public that due to construction works, Triq San Pawl from Mecca Stores to Xemxija roundabout shall be closed for public transport buses as well as for private cars next Thursday, 11th December, 2008 between 9.00 a.m. till 4.00 p.m.

9th December, 2008

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-16 ta' Diċembru, 2008, għal:

CT 227/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2441/2008. Provvista ta' kapsoli *cyclosporin 25mg* - Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-16 ta' Ottubru 2008.

CT 228/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2442/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *docetaxel 20mg and 80mg* - Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-16 ta' Ottubru 2008.

CT 229/2008. Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2509/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *trastuzumab 150mg* – Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-22 ta' Ottubru 2008.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 16th December, 2008, for:

CT 227/2008. Contracts Ref. No. CT 2441/2008. Supply of cyclosporin 25mg capsules – Department of Health. A fee of €5.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 16th October 2008.

CT 228/2008. Contracts Ref. No. CT 2442/2008. Supply of docetaxel 20mg and 80mg injections – Department of Health. A fee of €5.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 16th October 2008.

CT 229/2008. Contracts Ref. No. CT 2509/2008. Supply of trastuzumab 150mg injections – Department of Health. A fee of €5.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 22nd October 2008.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-23 ta' Diċembru, 2008, għal:

CT 232/2008. Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2111/2008. Twaqqif ta' laboratorju għat-Taħriġ fl-Elettriku fil-Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenzi u Teknoloġija, Kordin – Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenzi u Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa a *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta se tkun parzjalment imħallsa mill-Unjoni Ewropea, Politika ta' Koeżjoni 2007-2013 – Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar.

(*Budget* stimat: €339,385.00 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fid-29 ta' Ottubru 2008.

CT233/2008. Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2195/2008. Bini ta' sulari addizzjonali fuq il-Junior College – Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €200.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta se tkun parzjalment imħallsa mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* stmat: €444,000.00 mingħajr V.A.T.).

CT 234/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2341/2008. Provvista ta' pilloli *coproxamol* - Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 235/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2343/2008. Provvista ta' *balance salt solution* - Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 236/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2345/2008. Provvista ta' injezzjonijiet *sodium hyalurinate 0.85ml* - Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 239/2008, Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2432/2008. Bażi ta' ftehim għall-kiri ta' *hydraulic excavators* u *loaders* 2009 – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €35.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-6 ta' Jannar, 2009, għal:

CT237/2008. Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2510/2008. Servizzi ta' konsulenza għall-eżekuzzjoni ta' studji EIA u CBA b'Assistenza Teknika fuq in-*National Flood Relief Project (NFRP)* - Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali. Irid jitħallas dritt ta' €150.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open*

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 23rd December, 2008, for:

CT 232/2008. Contracts Ref. No. CT 2111/2008. Setting up of an Electrical Training Laboratory at Malta College of Arts, Science and Technology, Corradino – Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender will be part-financed by the European Union, Cohesion Policy 2007-2013 – Investing in Competitiveness for a Better Quality of Life.

(Estimated Budget: €339,385.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 29th October 2008.

CT233/2008. Contracts Ref. No. CT 2195/2008. Construction of additional floors over the Junior College – University of Malta. A fee of €200.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Works Notice under the Local Open Tender Procedure. This tender will be part-financed by the European Union under the European Regional Fund 2007-2013 – Investing in your future.

(Estimated Budget: €444,000.00 excluding V.A.T.).

CT 234/2008. Contracts Ref. No. CT 2341/2008. Supply of coproxamol tablets - Department of Health. A fee of €5.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 235/2008. Contracts Ref. No. CT 2343/2008. Supply of balance salt solution – Department of Health. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 236/2008, Contracts Ref. No. CT 2345/2008. Supply of sodium hyalurinate 0.85ml injections – Department of Health. A fee of €5.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 239/2008, Contracts Ref. No. CT 2432/2008. Framework contract for the hire of hydraulic excavators and loaders 2009 – Works Division. A fee of €35.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 6th January, 2009, for:

CT 237/2008, Contracts Ref. No. CT 2510/2008. Consultancy services for the carrying out of EIA and CBA studies with Technical Assistance on the National Flood Relief Project (NFRP) - Ministry for Resources and Rural Affairs. A fee of €150.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the International Open

Tender Procedure. Din l-offerta hi ko-finanzjata mill-Unjoni Ewropea, u hi parzjalment iffinanzjata taħt il-*Cohesion Fund* - Assistenza Teknika 2004-2006 u l-Istudji tas-CBA bil-parti tal-Assistenza Teknika u qiegħda tiġi kkunsidrata biex tkun parzjalment ffinanzjata taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* stimat: €2,215,000.00 inkluża l-V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-5 ta' Novembru 2008.

CT 238/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2444/2008. Provvista ta' *human growth hormones injections* - Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €5.00 għal kull kopja tad-dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-6 ta' Novembru 2008.

CT/A/10/2008, Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2618/2008. Sejħa għall-provvista ta' *inshore patrol craft* - Forzi Armati ta' Malta. Kopja tad-dokument tal-offerta jista' jitniżżel mill-*websites:* http://www.contracts.gov.mt or http://www.afm.gov.mt

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta sejra tkun parzjalment imħallsa mill-Unjoni Ewropea, Fond Ewropew tal-Fruntieri.

(*Budget* stimat: €9,600,000.00 mingħajr V.A.T.).

CT 219/2008. Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2331/2008. Provvista ta' tagħmir b'self ta' *column agglutination* għall-*Blood Bank* tal-Isptar Mater Dei - Dipartiment tas-Saħħa.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fl-14 ta' Ottubru 2008.

CT 248/2008, Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2290/2008. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' *starter batteries 2009* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 249/2008, Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2563/2008. Bażi ta' ftehim għall-provvista ta' *steel wire mesh* lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-8 ta' Jannar, 2009, għal:

CT 242/2008, Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2477/2008. Provvista ta' trasport għall-iskola ta' studenti bi bżonnijiet speċjali fl-Iskola Speċjali San Miguel – Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport. Irid jitħallas dritt ta' €25.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 243/2008, Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2559/2008. Xogħlijiet ta' tikħil u żebgħa fuq ġewwa u fuq barra fl-Iskola Primarja l-Ġdida f'Pembroke - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' €80.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 244/2008, Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2559/2008.

Tender Procedure. This tender is co-financed by the European Union, and is part financed under the Cohesion Fund - Technical Assistance 2004-2006 and the CBA Studies with Technical Assistance Part and is being considered for part financing under the European Regional Development Fund 2007-2013 - Investing in your future.

(Estimated Budget: €2,215,000.00 including V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 5th November 2008.

CT 238/2008. Contracts Ref. No. CT 2444/2008. Supply of human growth hormones injections - Department of Health. A fee of €5.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 6th November 2008.

CT/A/10/2008, Contracts Ref. No. CT 2618/2008. Supply tender for an inshore patrol craft - Armed Forces of Malta. A copy of the tender document may be downloaded from the websites: http://www.contracts.gov.mt or http://www.afm.gov.mt

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender will be financed by the European Union, European Border Fund 2008.

(Estimated Budget: €9,600,000.00 excluding V.A.T.).

CT 219/2008. Contracts Ref. No. CT 2331/2008. Supply of column agglutination for the Mater Dei Hospital Blood Bank with equipment on loan – Department of Health.

The EU Contract Notice was dispatched on 14th October 2008.

CT 248/2008, Contracts Ref. No. CT 2290/2008. Framework agreement for the supply of starter batteries 2009 to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 249/2008, Contracts Ref. No. CT 2563/2008. Framework agreement for the supply of steel wire mesh to the Procurement Section of the Contracts Department.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 8th January, 2009, for:

CT 242/2008, Contracts Ref. No. CT 2477/2008. Provision of school transport for students with special needs at San Miguel Special School – Ministry of Education, Culture, Youth and Sport. A fee of €25.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 243/2008, Contracts Ref. No. CT 2559/2008. Internal and external plastering and painting works at the New Primary School, Pembroke - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of €80.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 244/2008, Contracts Ref. No. CT 2559/2008. Floor

Xogħlijiet ta' madum tal-art u tal-ħajt u xogħlijiet ta' granit u irħam fl-Iskola Primarja l-Ġdida f'Pembroke - Fondazzjoni għall-Iskejjel ta' Għada. Irid jitħallas dritt ta' €80.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, it-13 ta' Jannar, 2009, għal:

CT 240/2008, Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2419/2008. Provvista ta' *litter bins* għad-Dipartiment tas-Servizzi tat-Tindif tad-Diviżjoni tas-Servizzi – Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-18 ta' Novembru 2008.

CT 241/2008, Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2434/2008. Provvista ta' sodod għall-isptar li jaħdmu bl-elettriku u aċċessorji – Welfare Committee. Irid jitħallas dritt ta' €200.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-18 ta' Novembru 2008.

CT 246/2008, Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2468/2008. Provvista ta' laħam tal-ħaruf (Malta) - Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €20.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 247/2008, Nru. ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2469/2008. Provvista ta' ħobż (Malta) - Dipartiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €20.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-15 ta' Jannar, 2009, għal:

CT 250/2008, Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2173/2008. Kuntratt perjodiku għall-*handling* u *compaction* ta' skart permess imwassal il-Miżbla tal-Għallis u li jsiru xi xogħlijiet oħra fil-Kumpless Ambjentali tal-Magħtab - WasteServ Malta Ltd. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-27 ta' Jannar, 2009, għal:

CT 245/2008. Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2428/2008. Dokumentazzjoni *(recording* u *mapping three-dimensional* u *two-dimensional)* tal-Fortifikazzjonijiet taċ-Ċittadella, Għawdex CTD 01 - Taqsima tax-Xogħlijiet. Irid jitħallas dritt ta' €350.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 - Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* stimat: €180,000.00 mingħajr il-V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fis-27 ta' Novembru 2008.

and wall tiling works, granite and marble works at the New Primary School, Pembroke - Foundation for Tomorrow's Schools. A fee of €80.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 13th January, 2009, for:

CT 240/2008, Contracts Ref. No. CT 2419/2008. Supply of litter bins to the Cleansing Services Department of the Services Division – Works Division. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 18th November 2008.

CT 241/2008, Contracts Ref No. CT 2434/2008. Supply of electrically operated hospital beds and accessories – Welfare Committee. A fee of €200.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 18th November 2008.

CT 246/2008, Contracts Ref. No. CT 2468/2008. Supply of lamb (Malta) - Department of Health. A fee of €20.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 247/2008, Contracts Ref. No. CT 2469/2008. Supply of bread (Malta) - Department of Health. A fee of €20.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 15th January, 2009, for:

CT 250/2008, Contracts Ref. No. CT 2173/2008. Period contract for the handling and compaction of permitted waste delivered to Għallis Landfill and to undertake other works within the Magħtab Environmental Complex - WasteServ Malta Ltd. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 27th January, 2009, for:

CT 245/2008, Contracts Ref. No. CT 2428/2008. Documentation (three-dimensional and two-dimensional recording and mapping) of the Citadel Fortifications, Gozo CTD 01 - Works Division. A fee of €350.00 will be charged for each copy of tender document.

This is a Service Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 - Investing in your future.

(Estimated Budget: €180,000.00 excluding V.A.T.).

The EU Contract Notice was dispatched on 27th November 2008.

CT 251/2008. Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2608/2008. Żviluppar ta' *leaders* għat-tibdil u innovazzjoni fit-Turiżmu: Żviluppar tan-negozju u Żvilupp Kontinwu Professjonali (CPD) għat-*Tourism Senior Management* - Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' €150.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Soċjali Ewropew - Ninvestu fil-futur tiegħek.

(*Budget* stimat: €3,407,925.00 mingħajr il-V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-3 ta' Diċembru 2008.

CT 252/2008. Nru ta' Ref. tal-Kuntratti CT 2791/2007. Provvediment ta' *project manager* biex jipprovdi servizzi ta' mmaniġġjar ta' proġetti bżonnjużi għall-implimentazzjoni u mmaniġġjar għall-Proġett ta' Rijabilitazzjoni ta' Miżbliet - WasteServ Malta Ltd. Irid jitħallas dritt ta' €150.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Dan huwa *Service Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 - Ninvestu fil-Kompetittività għal Kwalità ta' Ħajja Aħjar.

(*Budget* stimat: €699,000.00 mingħajr il-V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-3 ta' Diċembru 2008.

Tenderers huma avżati li jżura l-*website* tad-Dipartiment tal-Kuntratti fuq http://contracts.gov.mt minn fejn jistgħu jniżżlu previżjoni tad-dokumenti, jixtru dokumenti tal-offerta *online* 24 siegħa kuljum, u jirreġistraw għall-funzjonalitajiet addizzjonali. Il-*website* tipprovdi ukoll informazzjoni dwar sejħiet ta' offerti u rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat Ġenerali tal-Kuntratti.

Id-dokumenti tal-offerti jistgħu wkoll jinkisbu fuq applikazzjoni mid-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana VLT 2000, Malta, Tel:- (0356) 21 220 212, Est. 128, f'kull ġurnata tax-xogħol bejn it-8.30 a.m. u nofsinhar. Id-dokumenti tal-offerta jistgħu wkoll jitħallsu permezz ta' sistema *point-of-sale* elettronika (EPOS) tal-Bank of Valletta.

Il-pubbliku jista' jattendi waqt il-ftuħ u reġistrazzjoni tal-offerti fil-ħin u d-data msemmija aktar 'il fuq.

Id-9 ta' Diċembru, 2008

